Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 315/2016

Il-Pulizija

Vs

Marco Napier

Illum 23 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Marco Napier detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 733361 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fis-6 t' Awwissu, 2015 ghall-habta tad-8.50hrs fl-inhawi tal-Qawra:

1. Meta kien fuq il-bahar b' bastiment cioe' dinghy griz ta' ghamla Zodiac, b' mutur Tohatsu 3.5 hp bhala Tender ta' dghajsa 'Tincker' ma kellekx fuq dan il-bastiment taht dawn ir-regolamenti numru w marki distinti moghtija lilu u murija car hafna fuq il-bastiment zghir b' dak il-mod li l-Awtorita' tordna skond il-klassi li lilha jkun jappartjeni l-bastiment zghir. In-numru w il-marka distinti jkunu l-istess bhal dawk murija fic-certifikat ta' registrazzjoni, jew jekk il-bastiment zghir ma jkollu l-ebda marka ta' registrazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 22 u 45 it-Tielet skeda SL 449.52 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imputat Marco Napier hati tal-akkuzi, u ghaldaqstant ikkundannatu ghal tliet mitt ewro ( €300 ) multa.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Marco Napier, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Marco Napier huma cari u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

L-EWWEL AGGRAVJU tal-esponenti huwa illi minn imkien fir-Regolamenti specifikatament imsemmija fl-akkuza ma jirrizulta li t-Tender ta' bastiment ghandu jkollu n-numru u l-isem tal-bastiment principali indikati fuqu;

Anke minn qari tal-affidavits tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni johrog car li huma nsistew ghall-hrug ta' dawna l-akkuzi minhabba l-fatt lit-Tender ma kellux fuqu l-isem u b' numru tal-bastiment principali "Tinker" mankanza specifika, u dana minkejja li mkien fil-ligi ma hemm specifikat tali rekwizit.

IT-TIENI AGGRAVJU tal-esponenti, li qieghed jigi ovvjament avvanzat minghajr pregudizzj u ghall-aggravju precedenti, huwa li d-definizzjoni ta' "small ship" taht S.L. 499.52 tirrelata specifikatament u unikament ghal:

"a craft under twenty-four meters in length employed solely, in the navigation within the territorial waters of Malta……"

Huwa ghalhekk ovvju li bastiment zghir li jbahhar ukoll barra l-ibhra territorjali ta' Malta ma jaqax taht tali definizzjoni, bil-konsegwenza li kwalunkwe rekwiziti taht l-istess regolamenti li jirreferu ghal small ship huma inapplikabbli ghal dana l-kaz, u dana wara dak li rrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. L-artikolu 22 (1) ta' S.L. 499.52, li huwa l-artikolu li l-esponenti gie specifikatament akkuzat li naqas Ii josserva, japplika proprju ghal "small ship" kif definit fir-regolamenti fuq citati.

Effettivament l-esponenti Marco Napier xehed illi l-bastiment "Tinker" [flimkien mat-Tender tieghu], ta' spiss ibahhru barra l-ibhra territorjali ta' Malta.

Ghalhekk l-akkuza ma tistax treggi fil-konfront tieghu.

IT-TIELET AGGRAVJU tal-esponenti, li qieghed jigi ovvjament avvanzat minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, huwa li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova jew tispjega taht liema klassi it-Tender kien jaqa', u liema direzzjonijiet specifici kienu inghataw mill-Awtorita' Marittima f' dak ir-rigward - necessita' li tohrog verbatim minn l-artikolu 22 (1) ta' S.L. 499.52. Effetivament ma setghet tigi ebda prova f' dak ir-rigward peress li kif rajna fl-ewwel aggravju dak li nsistew dwaru l-membri tal-ALE ma jsib ebda konfort fil-ligi.

Ma ninsewx ukoll li l-esponenti gie akkuzat specifikatament li vvjola proprju l-artikolu 22 (1) ta' S.L. 499.52.

IR-RABA' AGGRAVJU tal-esponenti, li qieghed jigi ovvjament avvanzat minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, huwa li fi kwalunkwe kaz kellhom jigu applikati l-proceduri stipulati fl-artikolu 22 (5) ta' S.L. 499.52. sabiex l-esponenti jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu qabel ma inhargu dawna l-akkuzi. Daka l-artikolu huwa intiz proprju sabiex jigu rizolti sitwazzjonijiet bhal dawk in ezami, iktar u iktar f' dana l-kaz fejn l-anqas biss jirrizulta mill-ligi li Tender ghandu jkollu l-markings tal-bastiment principali.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti iressaq erba aggravvji sabiex jintenta jimpunja d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn huwa gie misjub hati ta'l-unika akkuza migjuba kontra tieghu u cioe' il-ksur tar-regolament 22 tal-Legislazzjoni dwar il-Bastimenti iz-Zghar u dan meta gie iwmaqqaf mill-pulizija fuq *dinghy* li ma kellux marki jew numri fuqu u li gew moghtija lilu mar-registrazzjoni tieghu. Illi huwa fatt inkontestat illi dan id-*dinghy* huwa tender tad-dghajsa ikbar bl-isem ta' 'Tinker'. L-appellanti jikkontendi illi din id-dghajsa hija irregistrata fuq ismu u li it-*tender* hija inklusa fir-registrazzjoni tal-*mother vessel.* Ighid ukoll illi huwa ma kienx a konoxxenza tal-fatt illi tali dghajsa kellha tkun immarkata u dan kif indikat lilu mill-pulizija li waqqfuh u cioe' bl-ittra 'T' u l-isem tal-*mother vessel* hdejn din l-ittra. Illi huwa jishaq illi qatt ma seta' jigi akkuzat bi vjolazzjoni tar-regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjara 499.52 billi din ma tkopriex il-*markers* tat-*tender vessel.* Ukoll il-Prosekuzzjoni naqqset milli tindika taht liema klassi ta' dghajjes jaqa' dan it-tip ta' bastiment zghir u allura liema huma s-specifikazzjonijiet li johorgu fir-rigward mill-Awtorita Marittima ta' kif ghandhom isiru dawn il-*markers*. Dan ghaliex ir-regolament 22 ma jindikax kif ghandhom ikunu il-marki fil-kaz ta' *tender vessel.*

Illi l-ligi taghti definizzjoni ta' dak li ghandu jigi ikkunsidrat bhala bastiment zghir meta jinghad:
*"bastiment zghir" tfisser opra tal-bahar li ma tkunx itwal minn erbgha u ghoxrin metru u li unikament tintuza fin-navigazzjoni fl-ibhra territorjali ta' Malta, kemm jekk tahdem bil-mutur u kemm minghajr, u kemm jekk tintuza*

*privatament jew inkella ghall-kummerc; u tinkludi, imma mhux limitata ghal, kull tip ta' opra tal-bahar bhal dghajjes bil-qlugh, jottijiet, bastimenti tas-sajd u opri ohra tal-bahar uzati ghas-sajd bhal kajjikki, luzzijiet u frejgatini, cabin cruisers, speedboats, jet skis, **dinghies**, dghajjes tal-pass u dghajjes ohra tradizzjonali Maltin, paddleboats, kenuri, personal water craft, air-cushioned craft, ecc.*

U tipprovdi allura fir-regolament tlieta illi:

*'Ebda vapur żgħir ma jista' jintuża fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta jekk tali vapur ma jkunx reġistrat mal-Awtorita skont dawn ir-regolamenti jew jekk tali vapuri żgħir ikun reġistrat skont il-'Merchant Shipping Act' jew taħt il-'Fisheries Conservation and Management Act' jew sakmm il-vapur ikun reġistrat jew għandu d-dokumenti, b'mod li tkun soddisfatta l-Awtorita', skont il-liġi ta' pajjiż ieħor li ma jkunx Malta.'*

Issa l-appellanti jinsab akkuzat taht id-disposizzjonijiet tar-regolament 22 li jipprovdi hekk:

*(1)Kull bastiment żgħir reġistrat taħt dawn ir-regolamenti għandu jkollu numru u marka distinti mogħtija lilu u murija ċar ħafna fuq il-bastiment żgħir **b'dak il-mod li d-Direttur Eżekuttiv jordna skond il-klassi li lilha jkun jappartjeni l-bastiment żgħir**. In-numru u l-marka distinti jkunu l-istess bħal dawk murija fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.*

*Bastimenti żgħar tas-sajd għandu jkollhom dawk il-marki u numri mogħtija lilhom mid-Dipartiment responsabbli għas-sajd u l-akwakultura.*

*Id-dgħajjes tal-pass għandhom iġibu n-numru tagħhom flimkien ma' l-ittra "P" miżbugħin b'mod ċar ħafna bl-iswed fuq sfond ta' strixxa bajda fuq kull ġenb tal-pruwa tagħhom.*

*Bastimenti żgħar oħra mhux imsemmija fil-paragrafi ta' hawn aktar qabel għandhom iġibu l-ittra "S" flimkien man-numru mogħti lilhom.*

*(2) Persuna reġistrata bħala sid tal-bastiment żgħir għandha tiżgura li fi żmien tletin jum mid-data li fiha tkun bdiet isseħħ ir-reġistrazzjoni ta' dak il-bastiment żgħir, ikun hemm miżbugħ b'mod ċar jew imwaħħal fuq xi wiċċ fuq barra tal-bastiment żgħir, jew fuq xi parti oħra tal-bastiment żgħir li tista' tiġi approvata mid-Direttur Eżekuttiv, in-numru u l-marka tar-reġistrazzjoni, u li dawk il-marki jinżammu f'kondizzjoni tajba u jiġġeddu kif ikun meħtieġ matul ilperijodu ta' reġistrazzjoni tal-bastiment żgħir.*

*(3) Kemm-il darba d-Direttur Eżekuttiv ma jordnax xort'oħra: "'(a) l-ittri u n-numri mogħtija lil kull bastiment żgħir għandhom mill-inqas ikunu għoljin 15.24 ċentimetri u wesgħin 7.6 ċentimetri bi spazju bejn kull numru jew ittra ta' mhux anqas minn 2 ċentimetri; u "'(b) bastimenti żgħar ta' sidien privati għandu jkollhom l-ittri u nnumri tagħhom miżbugħin bl-iswed fuq sfond abjad, filwaqt li dawk użati għall-kiri għandhom ikunu miżbugħin bl-abjad fuq sfond iswed.*

*(4) Id-Direttur Eżekuttiv jista' jordna li s-sidien ta' bastimenti żgħar reġistrati taħt il-kategoriji taħt dawn ir-regolamenti għandhom juru n-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom flimkien ma' kull tabella ta' identifikazzjoni li tinħareġ mill-Awtorità.*

*(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 45 u 48, bastimenti żgħar mingħajr ittri u numri ta' reġistrazzjoni bħal dawn lilu mogħtija jitqies daqslikieku kien bastiment żgħir mhux reġistrat u l-Awtorità jista', sakemm il-bastiment żgħir ma jiġix immarkat fi żmien erbat ijiem minn meta jingħata avviż, jordna li l-bastiment żgħir jitneħħa u jittieħed fil-kustodja. Dak il-bastiment żgħir jingħata biss lura wara li jitħallsu l-ispejjeż kollha li tkun għamlet l-Awtorità u wara li tinġieb prova dwar min ikun is-sid għas-sodisfazzjon talAwtorità.'*

Ezaminata allura din d-disposizzjoni hawn fuq riprodotta, ghandu jirrizulta li l-elementi tar-reat kontemplat fir-regolament 22 huma s-segwenti:

(i) Li jkun hemm bastiment zghir li jkun registrat;

(ii) Li n-numru u, jew il-marki moghitja mill-Awtorità kompetenti b'konsegwenza tar-registrazzjoni ghal dak it-tip ta' bastiment ma jkunux gew murija fuq il-bastiment b'mod car hafna kif indikat fit-tielet subinciz;

(iii) Li s-sid registrat tal-bastiment iz-zghir jibqa' ma jurix dawn il-marki jew numri kif trid il-ligi wara d-dekors ta' tletin jum mid-data tar-registrazzjoni.'

Issa minn ezami tal-atti probatorji allura huwa evidenti illi hemm provi essenzjali ghal sejbien ta htija taht dan ir-regolament li huma neqsin. L-ewwel nett hija nieqsa l-prova tar-registrazzjoni tad-dghajsa - fuq min hija registrata u kif allura, jekk din tirrizulta taht liema klassi hija hekk irregistrata din id-dghajsa jew *tender* ta'l-appellanti. L-appellanti jikkontendi illi din ma gietx irregistrata izda hija indikata fuq ir-registrazzjoni tal-*mother vessel.* Hija nieqsa ukoll il-prova dwar dawk il-marki u sinjali li id-Direttur Ezekuttiv jaghti ghal dawn it-tip ta' bcejjec tal-bahar u dan billi din ma tidhirx illi taqa' taht dawk indikati fir-regolament 22. Hija fuq kollox nieqsa l-prova illi kienu ghaddew it-tletin jum mir-registrazzjoni sabiex b'hekk ir-reat jista' jissussisti.

Illi anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tqies illi dawn il-fatturi gew b'xi mod ippruvati bix-xhieda ta'l-appellanti, madanakollu d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22 ma jidhirx illi japplikaw ghal dghajsa bhal din in dizamina ghaliex dan ir-regolament jitkellem car fuq il-mod kif ghandhom ikunu dawn il-marki u ghal liema tip ta' dghajjes, u id-dghajsa *tender* ma tiffigura mkien. Dan *in primis* ghaliex ic-certifikat ta' registrazzjoni ta' din id-dghajsa qatt ma gie esebiet u kwindi hija nieqsa l-prova regina dwar kif dawn il-marki kellhom isiru kif ighid car u tond l-istess regolament. Mhux bizzejjed illi l-pulizija jindikaw lill-appellanti meta jigi imwaqaf illi dawn iridu jkunu bl-ittra T/T(*tender to*) u l-isem tal-*mother vessel* ghaliex din ma tohrog minn imkien mill-atti probatorji u wisq anqas mid-disposizzjonijiet tar-regolament 22 li tahtu l-appellanti jinsab akkuzat.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi l-ewwel u it-tielet aggravvji jisthoqqilhom akkoljiment u kwindi fid-dawl ta' dak deciz din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tinoltra ruhha fl-aggravvji l-ohra sollevati mill-appellanti billi huwa evidenti illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq il-prova regina dwar it-tip ta' dghajsa u ir-registrazzjoni taghha u ukoll jekk tirrizulta tali registrazzjoni dwar liema huma dawk il-marki necessarji li ghandha ikollha dghajsa ta' dan it-tip.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, kwindi tghaddi biex tirrevoka d-decizjoni appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur